MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 439/2003

**Pool & Spa Supplies Limited**

**vs**

**Graziella De Cesare**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u hamsin cetnezmu (Lm1267.50) rapprezentanti in parti prezz ta' xoghlijiet u materjal in konnessjoni ma bini ta' *pool* f'fond fiz-Zurrieq, liema xoghlijiet u konsenja ta' materjal saru unikament fuq inkarigu tal-konvenuta stess u in parti prezz ta' oggettii mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenuta fuq inkarigu taghha stess kollox kif spjegat fir-renfdikont immarkat bhala Dok. P&S1.

Bl-ispejjes, inkliuzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-2 ta' Ottubru 2002 u dik gudizzjarja tas-16 ta' Dicdembru 2002 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li r-Risposta prezentata mill-konvenuta giet sfilzata skond digriet tas-16 ta' Ottubru 2003 u dan peress li giet prezentata tardivament.

Sema' x-xhieda ta' Olvin Mangion, Charles Borg, tal-Perit Kenneth Zammiy Endrich, ta' Charles Micallef. Ha kopnjizzjoni tal-affidavits tal-konvenuta u ta' Ronald Sjolander. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha taal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna jirrigwarda prezz ta' xoghlijiet minnha maghmula kif ukoll prezz ta' materjal supplit in konnessjoni ma *swimming pool* f'fond fiz-Zurrieq liema xoghlijiet u materjal gew provduti u kkonsenjati rispettivament fuq inkarigu tal-konvneuta stess. Meta qabel giet intavolata l-kawza odjerna l-konvenuta giet interpellata thallas l-ammont li jifforma s-sorte f'din il-kawza hija kienet qed issostni li kellha kull intenzjoni li thallas kull ammont dovut lis-socjeta' attrici purche' tali ammont ikun jirispekkja l-valur ta' xoghlijiet esegwiti fuq struzzjonijiet taghha b'dan pero' li hija kienet ser tnaqqas id-danni sofferti minnha bhala konsegwenza tax-xoghlijiet difettuzi maghmula mis-socjeta' attrici fi propjeta' f'Ghawdex. Dan jirrizulta minn ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenuta lill-konsulent legalli tas-socjeta' attrici fit-3 ta' Settembru 2002 (esebita a fol. 34 tal-process). Permezz ta' din l-ittra s-socjeta' attrici ntalbet ukoll tibghat rendikont dettaljat tas-somma mitluba. Waqt is-smiegh tal-kawza il-konvenuta ikkontendiet ukoll li x-xoghlijeit maghmula mis-socjeta' attrici fiz-Zurrieq, li l-prezz taghhom jifforma s-sorte fil-kawza odjerna, ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Il-konvenuta qeda ghahekk tippretendi li ssir tpacija bejn l-ammont li hija tikkontendi li huwa dovut mis-socjeta' attrici bhala danni li allegatament gew ikkawzati minnha fi propjeta' Ghawdex, in konnessjoni ma xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' attrici u konsistenti f'instalalzjoni ta' *jacuzzi*, u l-ammont li jifforma s-sorte f'din il-kawza. Jinghad mal-ewwel li apparti l-fatt li sabiex ikun hemm tpacija id-dejn irid ikun cert likwidu u dovut, mill-provi rrizulta li l-fond f'Ghawdex huwa propjeta' tas-socjeta' Graceland Limited u mhux tal-konvenuta (ara affidavit ta' Ronald Slojander a fol. 79). Id-danni li allegatament gew kawzati mis-socjeta' attrici fl-imsemmi fond, jekk effettivament kellu jigi ritenut li gew kawzati, gew sofferti mill-imsemmija Grceland Limited u mhux mill-konvenuta fil-kawza odjerna. Jirrizulta ghalhekk li m'hemmx lok li ssir it-tpacija li qed tippretendi l-attrici stante li tpacija tista' ssir biss fl-eventwalita' li l-partjiet involuti jkunu l-istess, li f'dan il-kaz jirruzluta li ma kienux.

Kif diga' ntqal aktar il-fuq il-konvneuta ssotni wkoll li x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici fil-fond fiz-Zurrieq ma sarx skond is-sengha u l-arti. Abbazi tal-principju ta' 'min jallega jrid jipprova' kien ghalhekk jispetta lilha li tipprova l l-imsemmija xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' attrici ma sarux skond is-sengha u l-arti, haga li hija effettivament naqset li taghmel. Kull ma rrizulta waqt is-smiegh tal-kawza kien lli l-livell tal-ilma tas-*swimming pool* in kwistjoni kien qed jinzel izda ma giex pruvat li dan id-difett kien kagun ta' xoghol esegwit mhux skond is-engha u l-arti mis-socjeta' attrici. Mill-provi rrizuta li x-xoghol ta' kostruzzjoni tal-*pool* sar minn terzi persuni u mhux mis-socjeta' attrici, rrizulta wkoll li wara li ghamlet ix-xoghlijiet is-socjeta' attrici fl-pool in kwistjoni, il-konvneuta kienet qabdet lil terzi jaghmlu xi xoghlijiet (ara xhieda ta' Charles Micallef tal-15 ta' Settembru 2004 fejn huwa qal "*jidhirlil li meta ahna bdejna x-xoghljijet sirt naf li kien hemm kuntrattur iehor involut illi kien is-socjeta' attrici*" u "*Niftakar li meta mort fuq il-post kont rajt illi kien sar xoghol fuq is-sump minn terzi. Dan ix-xoghol fis-sump li sar minn terzi, sar bejn l-ewwel darba li ahna ghamilna xoghlijet fil-pool u t-tieni dartba cioe' fl-okkazzjoni li nhareg il-kont tal-21 ta' Gunju 2002 cioe' kwistjoni ta' xahar*".)

Il-konvenuta ghalhek ma rnexxilhiex tiprova li x-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti. Kull ma rrizulta mill-provi minnha prodotti fir-rigward kien li l-hsara li kien hemm fil-pool setghat giet kawzata minn diversi persuni. Min-naha l-ohra s-socjeta' atrici rnexxielha tipprova li l-ammont mitlub minnha huwa dovut ghaliex ix-xoghlijiet li taghhom qed titllllob il-prezz gew minnha rezi u l-matterjal gie debitament ikkonsejat. Inoltre hija pruvat li dawn ix-xoghlijiet u l-materjal gew rezi u kkonsenjati fuq inkarigu tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u hamsin cetnezmu (Lm1267.50), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------